# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI TAL-FAMILJA

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 29 ta' April 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 1/2022 BS**

**AA**

**-vs-**

**BB**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur AA illi ppremetta:**

1. ILLI l-partijiet iżżewġu nhar it-8 ta' Lulju 1978;

2. ILLI minn dan iż-żwieġ twieldu tlett (3) ulied u ċjoè ĊĊ, DD u EE;

3. ILLI r-rekwiżiti għall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, huma sodisfatti stante:

i. Illi l-partijiet ilhom de jure u de facto separati sa minn qabel is-sena elf disa' mija u disgħa u disgħin (1999) u ilhom legalment separati sa mit-13 ta' Settembru 1999 in forza ta' kuntratt redatt min-Nutar Silvio Hili (Kuntratt ta' separazzjoni ġie mmarkat bħala 'Dok. AF 1');

ii. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli jew remot għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet li, illum il-ġurnata, qegħdin jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin;

iii. Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut għall-ulied stante llum il-ġurnata huma maġġorenni.

4. ILLI dawn il-fatti huma debitament ikkonfermati fl-affidavit anness u mmarkat bħala 'Dok. AF 2'.

GĦALDAQSTANT, in vista tas-suespost, l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun a tenur tal-Artikolu 66A et seq tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

1. TIPPRONUNZJA d-divorzju bejn il-partijiet u tiddikjara bħala maħlul iż-żwieġ li ġie ċelebrat mill-partijiet fit-8 ta' Lulju 1978; u

2. TORDNA lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għaldaqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju u l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta inġunta minn issa in subizzjoni.

**Rat ir-risposta tal-konvenuta BB kif rappreżentata minn FF illi eċċepixxiet:**

1. ILLI hija qed toġġezzjona għall-pronunzjament tad-divorzju stante illi hemm diversi arretrati ta' manteniment x'jitħallsu. Kwindi qabel

jitħallas kull manteniment dovut ma għandu jkun hemm l-ebda pronunzjament ta' divorzju kif mitlub;

2. ILLI bla preġudizzju għas-suespost hu mitlub illi kwalsiasi pronunzjament ta' divorzju għandu jkun jinkludi illi dan ikun mingħajr preġudizzju għal dak diġà miftiehem bejn il-partijiet u bl-ebda mod ma għandu jaffettwa kwalsiasi propjetà li l-koppja jista' jkun għandha fl-Istati Uniti tal-Amerka;

3. ILLI mill-bqija l-esponenti tirrimetti ruħha, però tissottometti illi hi ma għandhiex tbati spejjeż;

4. ILLI fi kwalunkwe każ l-esponenti tixtieq tirriverti għal kunjom xbubitha u ċjoè 'Bonnici' u titlob provvediment f'dan is-sens fil-pronunzjament finali.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat li fis-seduta tal-1 ta' April, 2022, il-konvenuta rtirat l-ewwel eċċezzjoni tagħha u saħqet fuq ir-raba' eċċezzjoni li fil-verità ma hix eċċezzjoni iżda talba sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66Ċ tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Mill-fatti kollha esposti jirriżulta li l-partijiet jissodisfaw l-kriterji kollha neċessarji imposti mil-liġi sabiex it-talba ta' divorzju tiġi akkordata.

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien xahar mil-lum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tavża wkoll lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bit-tibdil fil-kunjom tal-intimata, fis-sens li minflok Farrugia hija issa se tassumi l-kunjom "Bonnici".

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur